**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Frar, 2019

Rikors Guramentat Nru : 178/17 AL

**A B**

**-vs-**

**1. C D**
**2. u b'digriet tal-24 ta' Awwissu 2017 l-Avukat Dr Christopher Chricop u il-PL Madeline Firman gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E D**
**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali skont l-inkartament anness (Dok SG 1);
2. Illi fil-25 ta' Lulju 2016 lill-konvenuta C D tweldtilha tifla bl-isem E hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok SG 2;

3. Illi skont l-istess certifikat tat-twelid Dok SG 2 it-tifla E giet inskritta bhala wild il-konvenuta C D u ta' missier mhux maghruf (unknown father);
4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D in kwantu koncepita minnu mir-relazzjoni li l-istess attur kellu mal-konvenuta C D omm l-istess minuri;
5. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, previa okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D;
2. Konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid tal-istess tifla minuri E D Dok SG 2 jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwiti bil-kliem "A B" u jigu insertiti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess A B;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 40)

1. Illi preliminarjament l-esponent tirrileva li l-Avukat Ġenerali ġie debitment notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, nhar il-15 ta' Diċembru 2017. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta beda jiddikorri proprju minn tali ġurnata;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost u in vena preliminari ukoll din l-azzjoni tidher li hija intempestiva, u dan għaliex ma kienitx preċeduta minn ittra uffiċjali li tiddikjara li l-attur kien beħsiebu japplika għar-reġistrazzjoni sabiex ikun jista' jagħraf lil bintu u dana

skont kif inhu rikjest mill-**Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri E D;

5. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-Identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldet E D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet E D, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet E D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri E D;

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha jassumi l-minuri E D u dan a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti

u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Christopher Chircop u il-PL Madeline Firman, li permezz taghha eccepew : (fol 44)

1. Illi huwa r-rikorrenti li ghandu l-piz tal-prova u cioe illi jrid ikun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil dina il-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qieghed jaghmel fil-konfront tal-intimati huma fondati;
2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz, Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati l-Avukat Christopher Chircop u il-PL Madeline Firman;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-konvenuta, minkejja li ġiet debitament notifikata[1], naqset illi tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha, iżda dehret għall-udjenzi miżmuma mill-Qorti; Illi fin-nuqqas tar-risposta ġuramentata tagħha hija tirriżulta kontumaċi, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2018[2].

---

[1] Fit-18 ta' Settembru 2017, riferta fol. 35;
[2] Fol. 55 tal-proċess.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż ir-rapport xjentifiku tad-DNA[3] redatt minn Christopher D u minnu debitament maħluf u kkonfermat fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2018;[4]

Semgħet ix-xiehda tal-attur[5];

Rat illi l-attur m'ottemperax ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[6] billi permezz ta' ittra uffiċjali jinforma lill-konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri E bħala bintu.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Dwar l-intempestivita` tal-kawża

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iqajjem eċċezzjoni preliminari fis-sens illi l-kawża odjerna hija intempestiva għaliex ma kinitx preċeduta minn ittra uffiċjali li tiddikjara li l-attur bi ħsiebu japplika għar-reġistrazzjoni sabiex ikun jista' jagħraf lil bintu u dana skont kif inhu rikjest mill-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa l-Artikolu applikabbli għall-każ odjern, stante li l-minuri hija mnissla jew imwielda barra miż-żwieġ. L-istess artikolu jippprefiġġi l-mekkaniżmu adoperabbli meta missier ikun jixtieq jirrikonoxxi wild imwieled lilu barra miż-żwieġ. Dan l-artikolu jistipola s-segwenti:

***86. It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, ...***
***Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-***

[3] Ippreżentat mill-attur fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, fol. 50;
[4] Xiehda a fol. 52;
[5] Fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, fol. 48; -
[6] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:***

***Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna rreġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***
***...***

Fil-każ odjern, l-ittra uffiċjali meħtieġa ai termini tal-Artikolu 86 ma saritx, u jirriżulta li l-attur ippreżenta t-talba tiegħu mingħajr ma ttenta jeżawrixxi s-soluzzjonijiet li tagħtih il-liġi biex tiġi evitata l-kawża. Illi għalhekk huwa minnu li l-azzjoni odjerna hija intempestiva. Illi kien hemm ċirkustanzi fejn minħabba n-nuqqas tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali msemmija, flimkien ma' raġunjiet oħra validi, il-Qorti caħdet it-talbiet attriċi simili għal dan odjerni. Fost dawn kien hemm il-kawża fl-ismijiet Emanuel Mercieca vs. Laura Scerri et[7], fejn oltre dan in-nuqqas proċedurali, kien hemm ukoll nuqqas sħiħ ta' provi fuq il-mertu.

Illi l-Qorti li dejjem tkun reluttanti li tiċħad talbiet li jikkjarifikaw kwistjonijiet ta' paternita` ta' minuri, għajr għal raġunjiet serjissimi, hija tal-fehma li l-każ in eżami ma jistħoqqlux jiġi deċiż bl-istess mod bħal każ appena ċċitat, in viżta tal-fatt illi fil-każ odjern, fil-

[7] Rikors Ġuramentat 184/15AL, deċiż fil-25 ta' April 2017;

mertu, il-provi huma suffiċjenti għall-konvinċiment morali tal-Qorti. Illi għaldaqstant, il-Qorti ma tixtieqx illi għar-raġuni ta' dan in-nuqqas proċedurali, minkejja s-serjeta` tiegħu, tħalli minuri mingħajr figura ta' missier, meta għandha l-provi li jindikaw kjarament u inekwivokament min huwa l-missier naturali tal-minuri. Hija tal-fehma illi fil-każ odjern, il-prattiċita` u l-ekwita` għandhom jegħlbu t-trażżin proċedurali.

Dwar il-mertu

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri E imwielda lill-konvenuta C D, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016)[8]. Sal-lum, dan il-minuri hija ddikjarata bħala bint missier mhux magħruf u ġġorr il-kunjom tal-omm, ossia D.

Illi l-Qorti dejjem irritjeniet li l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern, ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri E. Illi l-Qorti, oltre li sserraħ fuq ix-xiehda mogħtija mill-attur[9] fis-sens illi fiż-żmien tal-konċepiment tat-tarbija, huwa u l-konvenuta kienu f'relazzjoni intima bejniethom, tista' tiddependi  wkoll fuq il-provi ġenetiċi. M'hemmx ħtieġa ta' analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-intimata possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri E.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi, debitament maħufa, illi effettivament il-minuri E D hija l-bint naturali u bijoloġiku tal-attur A B. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li A B huwa l-missier naturali naturali tal-minuri E. Fil-fatt, il-konsulent tax-xjenza forensika Christopher D ikkonferma illi *"L-esponent ippreleva kampjuni minn fuq E, f'Dar Dun Sidor tal-Ursolini tas-Sliema nhar id-9 ta' Settembru 2016 wara li ngħata l-kunsens pertinenti mingħand Sr.*

[8] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 7;

[9] Mogħtija fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, fol. 48;

*F G bħala l-Care Worker. Dawna ir-riżultati ġew imqabbla ma' ta' A B li l-esponent kien ippreleva minn fuqu fis-16 ta' Marzu 2014. ...omissis... Il-missier putattiv A B mhux eskluż li hu l-missier bijoloġiku ta' E. Abbażi tar-riżultati miksuba mill-analiżi tas-siti tad-DNA msemmija fuq, il-probabilita` ta' paternita`hija aktar minn 99.98%".*

Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t- talbiet tal-attur.

Rat illi d-dettalji tal-attur A B, ai fini tar-reġistrazzjoni tiegħu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, huma s-segwenti[10]:

1) Isem u kunjom:
2) Id-dokument tal-identita`:
3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri:
4) Il-post tat-twelid ta' A B:
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri:
6) Isem u kunjom missieru:
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri:

<u>Dwar kunjom il-minuri</u>

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa li l-partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri E D u dan a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi permezz ta' xiehda mogħtija fit-22 ta' Frar 2018[11], ir-rikorrent iddikjara li ma jsib ebda oġġezzjoni li l-minuri issir magħrufa bil-kunjom "B D". Din id-dikjarazzjoni ġiet ikkonfermata wkoll mill-konvenuta C D fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2018[12].

---

[10] Dawna jirriżultaw mix-xiehda mogħtija fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2018, fol. 57;
[11] Fol. 48;
[12] Verbal, fol. 56

Il-Qorti tara illi m'hemm l-ebda raġuni fil-fatt u fid-dritt għaliex il-minuri m'għandhiex tkun magħrufa bil-kunjom "B D" u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E imwielda mill-konvenuta fil-25 ta' Lulju 2016.

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid relattiv għall-minuri E, huwa jikkanċella l-kliem 'unknown father' u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B kif jirriżultaw aktar 'il quddiem f'din is-sentenza;

3. Tordna illi l-minuri E tkun magħrufa bil-kunjom "B D" u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi esebiti, ikunu sopportati ugwalment mill-attur u mill-konvenuta C D.